



Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna mogħtija mill-Portugall lill-kumpanija tal-ajru TAP kompatibbli mas-suq intern hija annullata peress li ma hijiex suffiċjentement motivata

Madankollu, l-effetti tal-annullament (li jinkludu l-irkupru tal-għajnuna) huma sospiżi sakemm tittieħed deċiżjoni ġdida

F'Ġunju 2020, il-Portugall ikkomunika lill-Kummissjoni għajnuna mill-Istat lill-kumpanija tal-ajru Transportes Aéreos Portugueses SGPS SA (iktar 'il quddiem il-“benefiċjarju”), li hija l-kumpanija omm u azzjonista 100 % ta' TAP Air Portugal. L-għajnuna kkomunikata, li l-baġit massimu tagħha jammonta għal EUR 1.2 biljun, tikkonċerna kuntratt ta' self konkluż bejn, b'mod partikolari, il-Portugall bħala persuna li ssellef, TAP Air Portugal bħala persuna li tissellef u l-benefiċjarju bħala garanti. Permezz ta' dan l-intervent, il-Portugall ried iżomm lill-benefiċjarju fin-negozju matul sitt xhur, bejn Lulju 2020 u Diċembru 2020.

Peress li qieset li l-iskema kkomunikata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-Kummissjoni evalwatha fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE¹ u tal-Linji Gwida tagħha dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' Impriżi Mhux Finanzjarji f'Diffikultà². Permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni ddikjarat il-miżura inkwistjoni kompatibbli mas-suq intern³.

L-Għaxar Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea laqgħet ir-rikors ippreżentat mill-kumpanija tal-ajru Ryanair intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, filwaqt li ssospendiet l-effetti tal-annullament sal-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida mill-Kummissjoni. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali tispeċifika l-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-Kummissjoni meta hija tiddikjara, b'applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna lill-Impriżi f'Diffikultà, li għajnuna mogħtija lill-kumpanija li tagħmel parti minn grupp tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Insostenn tar-rikors għal annullament tagħha, Ryanair invokat b'mod partikolari ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Kummissjoni, sa fejn din tal-aħħar naqset milli tindika r-raġunijiet għalfejn il-miżura kkomunikata kellha titqies li kienet kompatibbli mas-suq intern.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tispeċifika, qabel kollox, li l-punt 22 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna lill-Impriżi f'Diffikultà⁴ jstabbilixxi **tliet kundizzjonijiet kumulattivi li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex għajnuna għas-salvataġġ mogħtija lill-kumpanija li tagħmel parti minn**

¹ Skont din id-dispożizzjoni, l-għajnuna intiża li tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi, sakemm ma tfixx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sal-punt li tmur kontra l-interess komuni, tista' titqies li hija kompatibbli mas-suq intern.

² ĠU 2014, C 249, p. 1.

³ Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 3989 finali, tal-10 ta' Ġunju 2020, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.57369 (2020/N) – COVID-19 – Il-Portugall – Għajnuna mogħtija lill TAP (ĠU 2020, C 228, p. 1, iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”).

⁴ Skont il-punt 22 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna lill-Impriżi f'Diffikultà, “[k]umpanija li tagħmel parti minn grupp ta' negozji akbar jew li tkun ser tiġi akkwistata minn grupp ta' negozji akbar, normalment ma tkunx eleggibbli għall-għajnuna skont dawn il-linji gwida, ħlief fejn ikun jista' jintwera li d-diffikultajiet tal-kumpanija jkunu intrinziċi u ma jkunux ir-riżultat ta' allokkazzjoni arbitrarja tal-kostijiet fil-grupp, u li d-diffikultajiet ikunu serji wisq biex jiġu indirizzati mill-grupp innifsu.”

grupp tkun tista' tiġi kklassifikata li hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE. Konformement ma' dan il-punt, hija l-Kummissjoni li għandha teżamina, l-ewwel, jekk il-benefiċjarju tal-ġhajna jkunx parti minn grupp, it-tieni, jekk id-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom il-benefiċjarju ikunux speċifiċi għalih u ma jirriżultawx minn tqassim arbitrarju tal-ispejjeż fi ħdan il-grupp u, it-tielet, jekk dawn id-diffikultajiet ikunux serji wisq sabiex jiġu solvuti mill-imsemmi grupp innifsu. Dawn il-kundizzjonijiet huma intiżi li jipprekludu li grupp ta' impriżi jkun jista' jgħaddi lill-Istat l-ispiża ta' operazzjoni ta' salvataġġ ta' waħda mill-impriżi li tiffirma parti minnu, meta din l-impriża tkun f'diffikultà u meta l-grupp innifsu jkun l-oriġini ta' dawn id-diffikultajiet jew meta jkollu l-mezzi sabiex jaffaċċjahom.

Fir-rigward ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali tirrileva li, fid-deċiżjoni kkontestata, **il-Kummissjoni la kkonstatat u lanqas ma ppreċiżat jekk il-benefiċjarju kienx jagħmel parti minn grupp** fis-sens tal-punt 22 tal-Linji Gwida ċċitati iktar 'il fuq. Hija naqset milli twettaq xi analiżi f'dan ir-rigward u milli tispeċifika r-relazzjoni bejn l-imsemmi benefiċjarju u l-kumpanniji azzjonisti tiegħu ⁵.

Barra minn hekk, fil-każ li l-benefiċjarju kien jagħmel parti minn grupp, fis-sens tal-punt 22 tal-Linji Gwida dwar l-Għajna lill-Impriżi f'Diffikultà, mal-kumpanniji azzjonisti tiegħu, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li **l-Kummissjoni ma kienet issostanzjat bl-ebda mod dawn id-dikjarazzjonijiet li abbażi tagħhom, minn naħa, id-diffikultajiet tal-benefiċjarju kienu speċifiċi għalih u ma kinux jirriżultaw minn tqassim arbitrarju tal-ispejjeż favur l-azzjonisti tiegħu jew sussidjarji oħra u, min-naħa l-oħra, li l-imsemmija diffikultajiet kienu serji wisq sabiex jiġu solvuti mill-azzjonisti maġġoritarji tiegħu jew minn azzjonisti oħrajn. Il-Kummissjoni sempliċement ipprovdiet, fil-fatt, preċiżazzjonijiet fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-benefiċjarju u fuq id-diffikultajiet ikkawżati mill-pandemija tal-Covid-19.**

Fid-dawl ta' dawn il-lakuni fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali ma tistax tivverika jekk il-kundizzjonijiet indikati fil-punt 22 tal-Linji Gwida dwar l-Għajna lill-Impriżi f'Diffikultà ġewx issodisfatti f'dan il-każ, jew jekk il-Kummissjoni setgħetx tikkonkludi li ma kienx hemm diffikultajiet serji ta' evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-ġhajna kkonċernata mas-suq intern u li kienet iġġustifikata li ma tiftaħx il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li **l-Kummissjoni ma mmotivatx b'mod suffiċjenti fid-dritt id-deċiżjoni kkontestata u li l-imsemmija insuffiċjenza ta' motivazzjoni twassal għall-annullament tagħha.**

Il-Qorti Ġenerali tqis, b'applikazzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, li **jeżistu kunsiderazzjonijiet imperattivi ta' ċertezza legali li jiġġustifikaw il-limitazzjoni *ratione temporis* tal-effett tal-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.** Hija tirrileva, l-ewwel, li l-applikazzjoni tal-miżura inkwistjoni tagħmel parti minn proċess li għadu għaddej u li jikkonsisti f'diversi fażijiet suċċessivi ⁶ u, it-tieni, il-kontestazzjoni tal-ġbir tas-somom ta' flus previsti mill-miżura ta' ġhajna jkollha konsegwenzi partikolarment dannużi għall-ekonomija u għas-servizz bl-ajru tal-Portugall, f'kuntest ekonomiku u soċjali diġà affettwat mid-disturb serju tal-ekonomija kkawżat mill-pandemija tal-Covid-19. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li tissospendi l-effetti tal-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sal-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tispeċifika madankollu li, jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tadotta din id-deċiżjoni l-ġdida mingħajr ma tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE, din is-sospensjoni tal-effetti tal-annullament ma tistax teċċedi xahrejn mid-data tal-ġhoti tas-sentenza. Jekk il-Kummissjoni

⁵ Fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, nofs l-azzjonijiet tal-benefiċjarju kienu miżmuma minn Participações Públicas SGPS SA li kienet tamministra l-azzjonijiet tal-Istat Portugiż. Atlantic Gateway SGPS Lda kellha 45 % tal-azzjonijiet tal-benefiċjarju u 5 % tal-azzjonijiet kienu miżmuma minn azzjonisti oħrajn.

⁶ Il-Qorti Ġenerali tikkonstata, f'dan ir-rigward, li l-miżura inkwistjoni ngħatat għal perijodu inizjali, li fil-fatt diġà ddekorra, ta' sitt xhur, li wara t-tmiem tiegħu l-Portugall kellu jibgħat lill-Kummissjoni, skont il-punt 55(d) tal-Linji Gwida dwar l-Għajna lill-Impriżi f'Diffikultà jew il-prova li l-kreditu kien ġie rimborsat kollu kemm hu, jew pjan ta' ristrutturazzjoni, jew pjan ta' stralċ.

tiddeċiedi, għall-kuntrarju, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, is-sospensjoni tinżamm matul perijodu addizzjonali raġonevoli.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" - ☎ (+32) 2 2964106